MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 300/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maurizio Zahra**
**Johan Pace**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maurizio Zahra u Johan Pace talli:

(1) nhar-is 17 ta' April 2011 ghall-habta tat-8.00a.m. f'Rahal Gdid ikkommettew serq ta' gojjelli tad-deheb minn residenza numru 33 fi Triq il-Palma Rahal Gdid, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, lok u valur li jeccedi l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro (€2,329) u li sar ghad-detriment ta' Lorenza Cilia u Tereza Cilia;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'Rahal Gdid u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer zammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, arma tan-nar, u cioe` pistola tat-tip Phoenix Raven b'numru serjali 3087389 elenkata fl-iskeda II ta' l-Att Dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellhom licenzja taht l-imsemmi Att Dwar l-Armi;

(5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fir-residenza hawn fuq imsemmija, liema hsara tiskorri l-mija u sittax-il euro w sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda anqas minn elf mija u erbgha u sittin euro (€1,164);

Lil Johan  Pace wahdu talli:

(6) kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Settembru 2009, b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin;

(7) kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta' Lulju 2008, b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jghamilx reat iehor fi zmien tliet snin;

(8) irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Gunju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 65, 67, 279, 278(3), 280(2), 289, 325(c) u 334 tal-Kap. 9, l-Artikolu 5(1) tal-Kap. 480 u l-artikoli 7, 15, 21 u 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta Malta, sabet lill-imsemmijin Maurizio Zahra u Johan Pace hatja ta’ l-akkuzi kollha li gew addebitati fil-konfront taghhom salv u bl-eccezzjoni ghat-tieni akkuza ta’ ricettazzjoni li nghatat alternattivament mill-prosekuzzjoni, u ghaldaqstant dik il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Fil-konfront ta’ l-imsemmi Johan Pace l-ewwel Qorti kkundannatu piena karcerarja komplessiva ta’ tliet snin u tmien xhur u kkundannatu jhallas multa ta’ tliet mitt Ewro (€300) filwaqt li fil-konfront ta’ l-imsemmi Maurizio Zahra, li ghandu fedina penali mhux daqstant refrattarja u gie akkuzat b’inqas reati, ikkundannatu ghall-perijodu ta’ sentejn u tmien xhur prigunerija u kkundannatu jhallas multa ta’ tliet mitt euro wkoll (€300). Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna konfiska tal-vettura esebita fl-atti formalment, peress li jirrizulta minn dak li qal l-Ufficcjal tal-Pulizija stess u cioe’ li din il-vettura mhix registrata fuq isem wiehed mill-imputati, l-Qorti cahdet tali talba;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Maurizio Zahra pprezentat fis-7 ta’ Lulju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti, filwaqt illi tikkonferma s-sejbien ta’ htija, tirriforma s-sentenza in kwantu ghall-piena imposta billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern skond il-ligi;

**4.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Johan Pace pprezentat fit-8 ta’ Lulju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti taghha fejn sabitu hati tal-

akkuzi kollha lilu addebitati salv ghat-tieni akkuza fejn astjeniet li tiehu konjizzjoni tal-istess, tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedini penali aggornati ta' l-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Din il-Qorti sejra tghaddi biex tikunsidra fl-ewwel lok l-appell ta' Maurizio Zahra. Huwa appella mill-piena. Jghid illi huwa konxju mill-gurisprudenza li tirrigwarda appelli mill-piena f'kaz ta' ammissjoni, izda jsostni illi hemm fatturi li ma gewx moghtija l-importanza dovuta mill-ewwel Qorti. Huwa jissottometti illi l-piena hi eccessiva u sproporzjonata tenut kont il-piena aktar miti nflitta fuq Johan Pace, kif ukoll li kien aktar idoneju ghall-kaz li jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza.

**7.** L-appellant jinsisti illi, filwaqt li l-ewwel Qorti gharfet li s-sitwazzjoni taz-zewg appellanti mhijiex l-istess u ghamlet distinzjoni fil-piena, hija ma tatx piz bizzejjed lil din id-differenza bejniethom li hija pjuttost konsiderevoli. L-appellant jindika s-segwenti differenzi:

(a) Fid-*decide* taghha l-ewwel Qorti ssemmi l-fatt li l-appellant Zahra ghandu anqas reati. Mhux hekk biss, jghid l-appellant, izda min kien ko-imputat mieghu kellu wkoll ir-recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 u anke ai termini ta' l-artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u anke zewg akkuzi talli kiser provvedimenti tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigifieri hawn il-ko-imputat kellu zewg kawzi li kellhom jigu trattati mill-gdid. Barra minn hekk fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti rreferiet ghall-ko-imputat bhala xi hadd li jirrapprezenta minaccja ghas-socjeta`.

(b) Ammissjoni hafna drabi ssarraf f'riduzzjoni fil-piena. Iz-zewg imputati rregistraw tali ammissjoni mal-prezentata. L-ewwel Qorti qalet li se tikkunsidra din l-ammissjoni ghall-fini ta' piena. Mill-banda l-ohra l-appellant Zahra ma jaqbilx ma' l-ewwel Qorti meta kkunsidrat il-kwistjoni tal-ko-operazzjoni o meno tieghu. Hija kkummentat li l-appellant Zahra ma kien ta ebda

ghajnuna lill-Pulizija, “b’mod ukoll li jfisser li *a contrario sensu* l-ko-imputat Pace kien ta’ xi tip ta’ ghajnuna”. L-appellant jirreferi ghall-verbal li ghamel dakinhar tal-prezentata fejn l-avukat di fiducja tieghu f’ismu ddikjara li kien lest li jassisti lill-ufficjal prosekutur fl-investigazzjoni pendenti fil-konfront ta’ terzi. Bil-kelma “terzi” kien qieghed jirreferi ghal ko-awtur iehor fl-istess serqa u mhux ghall-ko-imputat Pace. Dan il-verbal gie registrat minn jeddu u minghajr ma kellu ebda garanzija dwar il-piena. Mill-banda l-ohra, minn imkien mill-atti ma jirrizulta illi l-ko-imputat Pace ghen b’xi mod lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet. L-appellant jghid illi fir-rigward tieghu l-ewwel Qorti mhux talli ma kkunsidratx l-imsemmi verbal, talli ddikjarat kategorikament li ma jistax jibbenefika mill-fattur ta’ ko-operazzjoni, fattur illi skond is-Sentencing Guidelines fir-Renju Unit jimmilita favur riduzzjoni addizzjonali fil-piena.

(c) Gew ipprezentati zewg *pre-sentencing investigation reports* quddiem l-ewwel Qorti u, filwaqt illi fir-rigward tal-ko-imputat Pace kien hemm rakkomandazzjoni ta’ prigunerija effettiva, fir-rigward ta’ l-appellant Zahra kien hemm rakkomandazzjoni li jinghata sentenza sospiza ta’ prigunerija. Huwa minnu, jghid l-appellant Zahra, li l-Qorti mhix marbuta b’dawn ir-rakkomandazzjonijiet, izda ghal darba ohra hemm prova cara ta’ distinzjoni bejn iz-zewg ko-imputati maghmula minn persuna kwalifikata.

(d) L-appellant josserva illi fit-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti, l-ufficjal prosekutur ma rregistra l-ebda opposizzjoni ghal dak sottomess mid-difiza fir-rigward tal-ko-imputat Pace. Jghid li d-difiza kienet issottomettiet li l-piena fir-rigward ta’ Pace kellha tkun fil-minimu minhabba l-ammissjoni bikrija u l-kooperazzjoni tieghu, u dan meta ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni. Mill-banda l-ohra l-ufficjal prosekutur oggezzjona ghal dak li ssottometta l-avukat difensur ta’ l-appellant Zahra u qal li l-piena ghandha tkun bhal dik tal-ko-imputat Pace ghalkemm il-fedina penali taghhom hi differenti, u dan ghax l-appellant Zahra huwa *a seasoned criminal* ghalkemm gie investigat izda qatt ma rrizulta xejn, u li m’ghandux jinghata riduzzjoni nonostante l-ammissjoni ghax inqabad *in flagrante*.

**8.** Fid-dawl ta' dawn is-sottomissjonijiet l-appellant itenni li sena diskrepanza bejn dik imposta fuqu u dik imposta fuq il-ko-imputat Pace mhijiex bizzejjed u tmur kontra l-principju ta' ekwita` bejn ko-imputati fl-istess kawza. Din id-disparita` ghalhekk tirrikjedi tnaqqis fil-piena nflitta fuqu. Skond l-appellant hi ndikata sentenza sospiza ta' prigunerija.

**9.** L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti dehrilha li kellha tapplika prigunerija b'effett immedjat minhabba l-gravita` tar-reati specjalment minhabba l-aggravju tal-vjolenza. Pero` f'dan il-kaz is-serq sehh meta l-anzjani ma kinux fir-residenza taghhom. Imbaghad, anke in lineja mal-principji tal-gustizzja restorattiva huwa kellu jibbenefika minn sentenza sospiza. Ghal dak li hu l-kalibrar ta' piena, jghid l-appellant, "wiehed ma ghandux jikkonsidra biss l-impatt tas-socjeta` izda ghandu jqis l-impatt ta' sentenza sosopiza kemm fuq is-socjeta` kif ukoll fuq il-persuna misjuba hatja. Jekk wiehed jigi biex jikkunsidra l-impatt kawzat fuq is-socjeta`, fil-kaz in kwistjoni ir-*res furtiva* regghet spiccat ghand il-vittmi." Ghal dak li jirrigwarda l-impatt fuq il-hati, l-appellant jghid li huwa m'ghandux xi fedina penali li turi li huwa xi perikolu ghas-socjeta` jew li huwa *"beyond redemption"*. L-ufficjal tal-*probation* gharfet li kellu jinghata cans iehor. Jekk jahtaf l-opportunita`, huwa jirreintegra ruhu fis-socjeta` u jitbieghed mill-vizzji, konxju li jekk jizbalja l-priguneria sospiza tigi effettiva, u fl-istess hin is-socjeta` tibbenefika ghax hafna drabi *"confinement doesn't improve one's self"*.

**10.** Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett li l-appellant jghid illi huwa konxju mill-gurisprudenza applikabbli fejn si tratta ta' ammissjoni. Skond din il-gurisprudenza fil-fatt, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx

eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Huwa l-kaz li jigi sottolineat ukoll li skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**11.** Fil-kaz odjern l-ammissjoni kienet wahda bikrija. Difatti z-zewg appellanti (allura ko-imputati) ammettew inkondizzjonatament mal-prezentata. U l-ewwel Qorti hadet din l-ammissjoni in konsiderazzjoni. Difatti hija qalet esplicitament hekk : **"Jinghad f'dan il-kaz bla tlaqliq, li l-ammissjoni registrata fl-atti ser tigi kunsidrata ai fini tal-piena li din il-Qorti sejra teroga, u dan fir-rigward taz-zewg imputati."**[1] Jigifieri l-ewwel Qorti hadet *"discount"* in konsiderazzjoni.

**12.** L-appellant jirreferi ghall-verbal li sar waqt il-prezentata fis-sens illi se jassisti lill-ufficjal prosekutur fl-investigazzjonijiet pendenti fil-konfront ta' terzi. Dikjarazzjoni bhal din hija pozittiva izda mbaghad trid tissarraf f'ghajnuna konkreta. Jekk min hekk jiddikjara, ma jipprovdi l-ebda tip ta' ghajnuna u ma jaghmel lanqas l-icken sforz biex juri illi jrid jipprovdi tali ghajnuna, allura dikjarazzjoni bhal dik ma tkun tiswa ghal xejn. Fil-fatt mill-atti minn imkien ma jirrizulta illi l-appellant Zahra pprovda l-ghajnuna li wieghed li jaghti. Mis-sentenza appellata sahansitra jirrizulta li waqt it-trattazzjoni, l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-appellant Zahra "ma kkoopera xejn"[2].

**13.** L-appellant jilmenta li d-disparita` bejn il-piena nflitta fuqu u dik inflitta fuq il-ko-imputat Johan Pace ma kinitx sufficjenti, u cioe` li hu kellu jibbenefika minn piena izghar. F'*Blackstone's Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:

[1] Sentenza appellata, p. 15.
[2] *Ibidem*, p. 8.

**“A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal’s view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, ‘The appellant’s proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept’. Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender’s sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.**

**Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with ‘an**

**understandable and burning sense of grievance' (*Dickinson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in *Nooy* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:**

**"'There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences.'"**

**14.** Il-*burning sense of grievance* fil-kaz ta' l-appellant Zahra mhijiex fis-sens illi l-ko-imputat ircieva sentenza izghar minn tieghu izda li hu rcieva sentenza li kellha tkun inqas minn dik effettivament inflitta sabiex id-disparita` bejn il-piena tieghu u dik tal-ko-imputat tkun akbar. Huwa minnu illi fil-*pre-sentencing investigation report* saret rakkomandazzjoni li jinghata sentenza sospiza ta' prigunerija, izda tali rakkomandazzjoni giet skartata mill-ewwel Qorti – kif kellha kull dritt li taghmel. Huwa minnu wkoll li hadd ma wegga' f'dan il-kaz peress illi d-derubati ma kinux id-dar, izda l-hallelin xorta kellhom arma fil-pussess taghhom. Huwa minnu wkoll li, kuntrarjament ghall-ko-imputat, dan kien l-ewwel kaz li permezz tieghu gie akkuzat b'serq aggravat, izda kien kaz serju. Ghalkemm l-appellant Zahra ma dahalx fil-fond derubat, il-partecipazzjoni tieghu bhala x-xufier tal-vettura li biha kellha ssir il-harba kienet parti essenzjali. L-appellant fil-fatt jitqies bhala ko-awtur fir-reat hawn in kwistjoni, *"ghax il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett ta' l-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat"* (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Nazzareno Briffa et**, 3 ta' Frar 1984 - Vol. LXVIII.v.309;

ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Salvu Muscat**, 9 ta' Novembru 1957 - Vol. XLI.iv.1484; Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Martin Dimech**, 24 ta' Settembru 2004). Konsegwentement din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena adatta hi dik ta' prigunerija effettiva.

**15.** Ghal dak li hu l-*quantum* tal-piena, ghall-ewwel imputazzjoni (bl-assorbiment tat-tielet u l-hames imputazzjonijiet f'din l-ewwel imputazzjoni) l-piena hi ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin (skond l-art. 279(b) tal-Kap. 9) mizjuda bi grad ghal tmintax-il xahar sa tnax-il sena (skond il-*proviso* ta' l-art. 280(2) tal-Kap. 9) u mizjuda bi grad iehor ghal sentejn sa ghoxrin sena jew zewg gradi ghal tliet snin sa tletin sena (skond l-art. 280(3) u 276A tal-Kap. 9). Kwantu mbaghad ghar-raba' imputazzjoni, jidher illi l-ewwel Qorti ttrattat ma' l-appellant Zahra billi kkundannatu ghall-hlas ta' multa. Dan ifisser illi lanqas piena ta' prigunerija li seta' gie kkundannat ghaliha l-appellant Zahra hi ta' sentejn prigunerija. Stante li l-piena li ghaliha gie kkundannat hi sew lejn il-minimu, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba l-piena nflitta mill-ewwel Qorti.

**16.** Din il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-appell ta' Johan Pace li qieghed jappella mill-piena ghax iqisha eccessiva. Huwa jghid illi (1) meta giet biex timponi l-piena jidher li l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li r-*res furtiva* giet irkuprata bis-sahha tal-kooperazzjoni tieghu; (2) l-ewwel Qorti kkonkludiet li, filwaqt li l-prosekuzzjoni qablet mar-rakkomandazzjoni tad-difiza li l-piena kellha tkun wahda karcerarja possibilment fil-minimu taghha, ma kkummentat xejn dwar il-kooperazzjoni ta' l-appellant Pace. Dan ma kienx preciz peress illi l-prosekuzzjoni spjegat li d-differenza bejn l-appellant Pace u l-ko-imputat Zahra kienet tikkonsisti proprju f'dan l-aspett ta' kooperazzjoni ghax filwaqt li l-appellant Pace kkoopera, il-ko-imputat Zahra ma kkooperax; (3) l-ewwel Qorti erronejament applikat zieda fil-piena konsegwenza ta' l-applikazzjoni ta' l-artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li, in vista ta' dak li jipprovdi l-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ma kienx applikabbli fil-kaz odjern.

**17.** L-ewwelnett ghal dak li hu l-*quantum* tal-piena, din il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fil-paragrafu hmistax (*supra*). Bhall-appellant Zahra, il-ko-imputat u appellant Pace, ghar-reati kommessi fis-17 ta’ April 2011 seta’ jigi kkundannat ghall-piena minima ta’ sentejn prigunerija. L-appellant Pace, pero`, gie ttrattat mill-gdid ghal ksur tal-provvedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta in vista tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta’ Settembru 2009 li permezz taghha kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien tliet snin. Huwa gie ttrattat mill-gdid ukoll ghal ksur tal-provvedimenti ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta in vista tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta’ Lulju 2008 li permezz taghha kien tqieghed taht ordni ta’ *probation* ghal tliet snin.

**18.** Permezz tas-sentenza ta’ l-24 ta’ Settembru 2009, l-appellant Pace nstab hati ta’ tentattiv ta’ serq minn mahzen, pussess mhux awtorizzat ta’ mus, u talli sar recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Huwa gie kkundannat multa ghall-imputazzjoni ta’ pussess mhux awtorizzat tal-mus. Kwantu ghar-reat ta’ tentattiv ta’ serq, il-Qorti tal-Magistrati ghamlet referenza ghall-artikoli 41 u 285 tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jipprovdi li l-piena ghas-serq semplici hija ta’ prigunerija minn xahar sa sitt xhur. Skond imbaghad l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9, dik il-piena tonqos bi grad jew zewg gradi. L-inzul bi grad ifisser li l-minimu jinzel ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux aktar minn ghoxrin gurnata, jew ghad-detenzjoni jew ghall-*ammenda*. Bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 50 tal-Kap. 9 il-piena tista’ tizdied bi grad. Fil-kaz odjern, il-piena minima ta’ prigunerija (minghajr zieda diskrezzjonarja tal-piena minhabba recidiva) li l-ewwel Qorti setghet timponi fuq l-appellant Pace dwar il-ksur tal-provvedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 kien, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kap. tal-Ligijiet ta’ Malta, ta’ terz ta’ ghoxrin gurnata, cioe` sebat ijiem.

**19.** Permezz tas-sentenza ta’ l-4 ta’ Lulju 2008, l-appellant Pace nstab hati ta’ serq aggravat bil-mezz, valur tal-haga misruqa u lok, ta’ hsara volontarja, ta’ pussess mhux

gustifikat ta' oggetti meta kien diga` gie kkundannat ghal serq jew ricettazzjoni u ta' recidiva. Il-piena dwar l-imputazzjoni ta' serq aggravat (bl-assorbiment tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet ta' hsara volontarja) f'dak il-kaz hi ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin (skond l-art. 279(b) tal-Kap. 9) mizjuda bi grad ghal tmintax-il xahar sa tnax-il sena (skond il-*proviso* ta' l-art. 280(2) tal-Kap. 9). Ma' din il-piena mbaghad tista' tizdied il-piena dwar recidiva skond l-artikoli 49, 50 u 289. Fil-kaz odjern, il-piena minima ta' prigunerija (minghajr zieda diskrezzjonarja tal-piena minhabba recidiva) li l-ewwel Qorti setghet timponi fuq l-appellant Pace dwar il-ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 kien, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' terz ta' tmintax-il xahar, cioe` sitt xhur.

**20.** Konsegwentement, il-piena minima li ghaliha seta' jigi kkundannat l-appellant Pace fil-kaz odjern (minghajr zieda minhabba recidiva) hi ta' sentejn sitt xhur u sebat ijiem. Issa, l-appellant Pace nstab hati ukoll li sar recidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa jikkontendi li ma kellux jigi applikat l-artikolu 289. L-appellant Pace ghandu ragun peress illi mill-fedina penali tieghu jirrizulta, almenu *prima facie*, li f'dawk il-kazijiet kollha fejn huwa nstab hati ta' serq, huwa bbenefika minn *probation* jew minn *conditional discharge*. Ciononostante xorta japplika l-artikolu 50 tal-Kap. 9 li permezz tieghu l-piena tista' tizdied bi grad. Konsiderando l-fedina penali refrattarja ta' l-appellant u l-opportunitajiet varji li nghata biex jirriforma ruhu, l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu huwa gustifikat. Il-piena b'hekk tizdied bi grad ghal minimu ta' tliet snin.

**21.** Meta jitqies li dawn il-komputazzjonijiet kollha saru fuq il-minimu, jirrizulta car illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet ferm lejn il-minimu. Irid jinghad illi tul is-snin l-appellant Pace tqieghed taht *probation* darbtejn, inghata *conditional discharge* tliet darbiet, inghata sentenza sospiza ta' prigunerija darba u gie kkundannat ghall-hlas ta' multa jew ta' *ammenda* sitt darbiet. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kull konsiderazzjoni ohra hi superfluwa. Ghalhekk

fil-kaz ta' l-appellant Pace wkoll din il-Qorti mhijiex se tiddisturba l-piena nflitta mill-ewwel Qorti.

**22.** Reati bhal dawk odjerni ma jistghux jittiehdu leggerment. Mhuwiex accettabbli li persuni (f'dan il-kaz anzjani) li jkunu marru ghall-quddies, jew hargu jaghmlu xi qadja jew ghal kwalunkwe raguni ohra, jirritornaw id-dar biex isibu d-dar taghhom imqallba u li jkunu gew derubati. Din kienet serqa ppjanata, b'*getaway van*, bl-uzu ta' ghata u anke ta' pistola. Konsegwentement l-appelli ma jimmeritawx akkoljiment.

**23.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad kemm l-appell ta' Maurizio Zahra kif ukoll l-appell ta' Johan Pace u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------